

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2008/2203(INI)

20.1.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar post speċjali għat-tfal fl-azzjoni esterna tal-UE
(2008/2203(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Milan Horáček

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li nofs il-popolazzjoni tad-dinja hija magħmula mit-tfal; jisħaq f'dan ir-rigward fuq il-bżonn li jitqiesu d-drittijiet tat-tfal bħala prijorità tal-politika tal-iżvilupp tal-UE; ifakkar li l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal għamlithom parti inaljenabbli tad-drittijiet tal-bniedem b'mod ġenerali u għalhekk jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jinkludu din il-kwistjoni fid-djalogi bilaterali u multilaterali politiċi kollha u f'dawk dwar id-drittijiet tal-bniedem, u biex id-drittijiet tat-tfal jiġu inklużi fil-politiki soċjali, edukattivi u ekonomiċi tiegħu;
2. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jagħtu prijorità kbira lid-drittijiet tat-tfal fid-djalogi tagħhom ma' pajjiżi żviluppanti u dawk bi dħul medju, u biex jikkoordinaw azzjoni li tindirizza ċerti kwistjonijiet li jkunu partikolarment diffiċli (bħal ma huma l-irwol taċ-Ċina fid-Sudan, tfal f'kunflitti bl-armi, eċċ.);
3. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE biex iħeġġu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-protokollu tagħhom, u biex iżidu l-appoġġ mogħti għar-riformi tas-sistemi legali ta' pajjiżi terzi li jkunu mfassla biex jiproteġu t-tfal;
4. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżżid il-koerenza tal-miżuri għall-appoġġ tad-drittijiet tat-tfal billi tidher fl-EIDHR u l-linji baġitarji tematiċi u ġeografiċi, u biex tqis it-tfal l-aktar vulnerabbli, speċjalment dawk involuti f'kunflitti bl-armi, u s-sitwazzjonijiet ta' wara kunflitt u lil dawk li jkunu qed jgħixu fil-pajjiżi l-inqas żviluppanti;
5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinkludi l-kwistjonijiet tat-tfal li jgħixu fit-toroq u l-ġlieda kontra t-traffikkar tat-tfal fil-politiki tagħha fir-rigward tal-pajjiżi ġirien mal-Lvant u man-Naħa t'Isfel, u biex tikkordina r-riżorsi tal-ENPI u tal-EIDHR bil-għan li jintlaħaq dak l-għan; jisħaq fuq il-bżonn li jiġu analizzati u miġġielda l-kawżi tat-traffikkar tat-tfal u l-kummerċ tal-organi, speċjalment fejn il-vittmi jkunu tfal tar-Roma;
6. Jistieden lill-UE biex mal-programm tematiku dwar l-ażil u l-migrazzjoni li jiffirma parti mill-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, iżżid l-appoġġ għall-gruppi l-aktar vulnerabbli, bħat-tfal tal-migranti u t-tfal li jgħixu fil-faqar;
7. Jenfasizza li, fl-azzjonijiet esterni tagħha, l-UE għandha tħeġġeġ bil-qawwa lill-gvernijiet ta' pajjiżi terzi biex jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari fir-rigward tal-forniment ta' servizzi bażiċi ta' assistenza soċjali lit-tfal, bħat-tqassim tal-ikel bla ħlas fl-iskejjel u fil-kindergardens u l-aċċess għall-kura tas-saħħa; fl-istess ħin, jenfasizza li l-garanzija ta' aċċess ekwu għall-edukazzjoni għal tfal f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat u f'sitwazzjonijiet ta' wara kunflitt tikkostitwixxi investment importanti fil-prevenzjoni tal-kunflitti;
8. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinkludi l-ġlieda kontra l-impunità fl-azzjonijiet esterni u r-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi, bħala miżura importanti għall-prevenzjoni tal-ksur

tad-drittijiet tat-tfal;

9. Jistieden lill-Unjoni Ewropea biex, fl-azzjoni esterna tagħha, tagħti attenzjoni speċifika għas-sitwazzjoni ta' tfal li jħabbtu wiċċhom mad-diskriminazzjoni, inklużi dawk it-tfal f'kunflitt mal-liġi u t-tfal imċaħħda mil-libertà tagħhom u mitfugħin f'istituzzjonijiet magħluqa; jenfasizza li t-tfal għandu jkollhom aċċess aktar faċli għall-ġustizzja u għall-assistenza speċjalizzata u li l-età tagħhom għandha tiġi kkunsidrata matul il-proċedimenti ġudizzjarji permezz ta' miżuri ta' protezzjoni speċjali;
10. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex, meta jkunu qed jinnegozjaw pjanijiet ta' azzjoni dwar il-ġustizzja u l-affarijiet interni ma' pajjiżi terzi, jindirizzaw il-kwistjoni tal-ġustizzja tal-minorenni, filwaqt li jqisu mhux biss ir-ratifika tal-istandards rilevanti internazzjonali u reġjonali iżda wkoll l-implimentazzjoni effettiva tagħhom;
11. Jisħaq li, fir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi żviluppati u dawk bi dħul medju, huwa importanti wkoll li t-tfal jingħataw futur deċenti, status soċjali aħjar, sistema ta' valuri, possibilitajiet u viżjoni;
12. Jenfasizza li, fir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi żviluppati u dawk bi dħul medju, ikun tal-akbar importanza għat-tfal li jkun hemm proġetti għall-iżvilupp ta' kompetenzi soċjali, tolleranza, solidarjetà u responsabilità għall-ambjent tagħhom, speċjalment fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-bidla fil-klima;
13. Jenfasizza li l-użu eċċessiv tat-televizin, tal-logħob tal-kompjuter u tal-internet mit-tfal faċilment iwassal għal vjolenza, iżolament, dipressjoni, obeżità u mġiba soċjali irregolari; għalhekk iqis li għandu jitħeġġeġ il-kontroll tal-kontenut kif ukoll il-kampanji ta' informazzjoni u konsultazzjoni għall-ġenituri.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	20.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 46 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Vittorio Agnoletto, Angelika Beer, Monika Beňová, Călin Cătălin Chiriță, Giorgos Dimitrakopoulos, Michael Gahler, Jas Gawronski, Alfred Gomolka, Klaus Hänsch, Richard Howitt, Ioannis Kasoulides, Maria Eleni Koppa, Helmut Kuhne, Vytautas Landsbergis, Johannes Lebeck, Philippe Morillon, Baroness Nicholson of Winterbourne, Raimon Obiols i Germà, Vural Öger, Janusz Onyszkiewicz, Justas Vincas Paleckis, Ioan Mircea Pașcu, Alojz Peterle, João de Deus Pinheiro, Samuli Pohjamo, Bernd Posselt, Libor Rouček, Christian Røvsing, Flaviu Călin Rus, Katrin Saks, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, György Schöpflin, Hannes Swoboda, István Szent-Iványi, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Ari Vatanen, Andrzej Wielowieyski, Zbigniew Zaleski, Josef Zieleniec
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexandra Dobolyi, Árpád Duka-Zólyomi, Kinga Gál, Aurelio Juri, Aloyzas Sakalas, Inger Segelström